MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1419/2005

**Martin Cachia**
**vs**
**Joan Agius**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Gunju, 2005, fejn intqal illi l-konvenuta ghandha tkun kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt litt lira Maltija (Lm1500.00), jew somma ohra verjuri, rappresentanti rimbors ta' nofs il-pagamenti maghmula mill-attur lil HSBC Bank Malta plc rapprezentanti loan fuq il-flat 3, « Kensington Apartments », Triq il-Munxar, Tar-Ramla ta' San Tumas, Marsaskala, mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet u cioe` 27 ta' Gunju, 2000 sad-data tal-bejgh effettiv ta' din l-imsemmija propjeta` skond artikolu 12 (i) tal-kuntratt ta'**

**separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet datat 27 ta' Gunju, 2000 fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo` (Dok.A) ;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-28 ta' Lulju, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez billi l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponenti lill-attur u dana ghal diversi ragunijiet u dana kif sejjer jigi ampjament spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Martin Cachia u Joan Agius. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz jirigwarda talba ghal nofs il-pagamenti maghmula mill-attur lil HSBC Bank Malta plc rapprezentanti loan fuq il-flat 3, « Kensington Apartments », Triq il-Munxar, Tar_Ramla ta' San Tumas, Marsaskala, u dana mid-data tal-kuntratt ta' seprarazzjoni tas-27 ta' Gunju, 2000.**
**2. L-artikolu 12 (i) (i) tal-imsemmi kuntratt jipprovdi hekk : « the husband shall upon the publication of the deed of sale (tal-immobbli imsemmi fl-avviz) be entitled to the reimbursement of half the payments he would have already made to HSBC Bank Malta p.l.c.. » L-azzjoni odjerna hi bbazata fuq din il-klawsola.**
**3. L-attur jghid li f'Settembru, 2002 sar konvenju, u f'Ottubru 2002 sar il-kuntratt ta' bejgh. Il-konvenuta tghid li l-konvenju sar f »April, 2002, u tikkonferma li f'ottubru sar il-bejgh.**
**4. Il-konvenuta tispjega li meta sar il-bejgh ir-rikavat inqasam f'zewg cekkijiet. L-attrici tammetti li kienet obbligat ruhha li taghti lill-attur is-somma ta' elf seba' mija u erbgha u sittin lira (Lm1764), cioe nofs l-ammont tas-self. Il-konvenut da parti tieghu kellu jhallasha tal-manteniment fis-somma ta' hamsa u ghoxrin lira fil-gimgha. Dana l-ammont thallas regolarment sas-sena 2002.**

**5. It-Tribunal qed jemmen lill-konvenut meta dion tghid li intlahaq ftehim bil-fomm mal-attur sabiex dan ma jhallasx manteniment sakemm jigi pacut is-sehem tieghu tas-self. Ghalhekk minn Ottubru 2002 sa Dicembru 2002 tnaqqsu Lm25 fil-gimgha, cioe` tlett mitt lira (Lm300). Wara l-manteniment kien ta' sebgha u ghoxrin lira u hamsin centezmu (Lm27.50) fil-gimgha, u dana fis-sena 2003 tela ghal elf erba' mija u tletin lira Maltija (Lm1430.00). F'Jannar 2004 il-manteniment kien ta' tletin lira (Lm30) fil-gimgha, u ghalhekk mal-ewwel gimgha ta' Jannar, gie estint id-debitu taghha mal-attur. Ghalhekk l-ammont mitlub mhux dovut lill-attur.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba tal-attur, bl-ispejjez kontra l-istess attur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------